Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/312

17.2.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/312

tal-14 ta' Frar 2025

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' ċerti pjanti għat-tħawwil tal-*Betula pendula* u tal-*Betula pubescens*, li joriġinaw mir-Renju Unit

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 ([2]), abbażi ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.

(2) Bħala segwitu tal-valutazzjoni preliminari, fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 ġew elenkati b'mod proviżorju 34 ġeneru u speċi waħda ta' pjanti għat-tħawwil li joriġinaw minn pajjiżi terzi, bħala pjanti ta' riskju għoli. Dik il-lista tinkludi l-ġeneru *Betula* L.

(3) Fis-27 ta' April 2023, ir-Renju Unit ([3]) ressaq żewġ talbiet lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' rimja bl-għejun/biċċa rimja għat-tilqim ta' mhux aktar minn sena tal-*Betula pendula* b'dijametru massimu ta' 12 mm; pjanti għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 7 snin tal-*Betula pendula* u tal-*Betula pubescens* f'materjal għat-tkabbir, b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 40 mm; pjanti bl-għeruq mikxufin ta' mhux aktar minn 7 snin għat-tħawwil tal-*Betula pendula* u tal-*Betula pubescens*, b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 40 mm u pjanti għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 15-il sena tal-*Betula pendula* u tal-*Betula pubescens* f'materjal għat-tkabbir, b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 80 mm ("il-pjanti rilevanti"). Dawk it-talbiet kienu appoġġati mid-dossiers tekniċi rilevanti.

(4) Fis-26 ta' Settembru 2024, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskju tal-pjanti rilevanti ([4]). L-awtorità identifikat il-*Entoleuca mammata,* il-*Meloidogyne fallax* u l-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) u t-*Thaumetopoea processionea* bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju deskritti fid-dossiers tekniċi u stmat il-probabbiltà tal-ħelsien tal-pjanti rilevanti minn dawk il-pesti.

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/2019-12-14.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2019/oj).

([3]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-hruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-hruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87)) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

([4]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2024. Commodity risk assessment of *Betula pendula* and *Betula pubescens* plants from the UK. *EFSA Journal,* 22(11), e9051. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.9051.

(5) Il-*Meloidogyne fallax* u l-*Phytophthora ramorum* (iżolati mhux tal-UE) huma elenkati bħala pesti tal-kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 ([5]), u l-*Entoleuca mammata* u t-*Thaumetopoea processionea* huma elenkati bħala pesti tal-kwarantina f'żona protetta fl-Anness III ta' dak ir-Regolament.

(6) Abbażi tal-opinjoni tal-Awtorità, ir-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni tal-pjanti rilevanti fit-territorju tal-Unjoni jitqies li huwa mnaqqas għal livell aċċettabbli, dment li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-importazzjoni rispettivi stabbiliti fl-Anness VII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(7) Peress li r-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' siġar kbar u qodma tal-*Betula pendula* u tal-*Betula pubescens* (ta' 80 mm u 15-il sena) jitqies li huwa mnaqqas għal livell aċċettabbli, huwa għalhekk iġġustifikat li jiġi konkluż li r-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni fl-Unjoni tal-pjanti kollha għat-tħawwil tal-*Betula pendula* u tal-*Betula pubescens*, irrispettivament mid-daqs, mill-età, minn jekk humiex bl-għeruq mikxufin jew f'materjal għat-tkabbir, li joriġinaw mir-Renju Unit, huwa mnaqqas għal livell aċċettabbli.

(8) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pjanti għat-tħawwil tal-*Betula pendula* u tal-*Betula pubescens* li joriġinaw mir-Renju Unit ma jibqgħux jiġu meqjusa bħala pjanti ta' riskju għoli. Għalhekk, jenħtieġ li jitneħħew mil-lista ta' pjanti, ta' prodotti mill-pjanti u ta' oġġetti oħra ta' riskju għoli fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019.

(9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 jiġi emendat kif xieraq.

(10) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

ANNESS

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fit-tabella tal-punt 1, fit-tieni kolonna "Deskrizzjoni", l-entrata "*Betula* L." hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Betula* L., għajr pjanti għat-tħawwil tal-*Betula pendula* u tal-*Betula pubescens*, li joriġinaw mir-Renju Unit".